MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 140/2013

**Alfred Grech bħala mandatarju tal-assenti Joseph Magro magħruf bħala Magri.**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur ippreżentat fil-11 ta' Frar 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-mandanti tal-esponenti huwa wild Giuseppe *sive* Joseph Magri u Antonella nee' Vella, ċjoe' frott l-ewwel żwieġ tal-imsemmi Giuseppe Magri u dan skond ma jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid tiegħu li jġib in-numru 7633/1935, anness u mmarkat "Dokument JM1";

Illi fil-kolonna intestata *"isem u kunjom u post tat-twelid tal-omm"*, kunjom omm il-mandanti tal-esponenti li tiġi mart missieru huwa wkoll erronjament indikat bħala "Magro" minflok "Magri";

Illi dan l-iżball wassal biex fl-istess Att tat-Twelid numru 7633/1935, fil-kolonna intestata *"isem u kunjom u post tat-twelid tal-omm"*, kunjom omm il-mandanti tal-esponenti li tiġi mart missieru huwa wkoll erronjament indikat bħala "Magro" minflok "Magri";

Illi l-kunjom "Magro" huwa indubjament żball għas-segwenti raġunijiet:

a) Illi l-imsemmi Guzeppi *sive* Joseph Magri, ċjoe' missier il-mandanti tal-esponenti, kien iżżewweġ tlett (3) nisa differenti permezz tal-Atti taż-Żwieġ li jġibu n-numru ta' reġistrazzjoni 985/1934, 1189/1943 u 248/1944 hawn annessi u mmarkati bħala "Dokument JM2", "Dokument JM3" u "Dokument JM4" rispettivament f'liema atti kunjom missier il-mandanti tal-esponenti huwa dejjem indikat bħala "Magri" u mhux "Magro";

b) Illi fl-atti tat-twelid tal-ulied li twieldu min dawn iż-żwieġijiet li kellu Giuseppe Magri, li għalhekk huma lkoll aħwa tal-mandanti tar-rikorrenti, kunjom l-istess Giuseppe huwa dejjem indikat bħala "Magri" u mhux "Magro". Għalhekk l-aħwa tal-mandanti tal-esponenti kollha għandhom il-kunjom "Magri":

(i) Mill-ewwel żwieġ ta' bejn Giuseppe Joseph Magri u Antonia nee' Vella twieldu Pawlu Magri, u dan skond ma jirriżulta mis-segwenti ċertifikati tat-twelid bin-numru 4150/1938, anness u mmarkat "Dokument JM5" u Marija Concetta Magri, u dan skond ma jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 7722/1940, anness u mmarkat "Dokument JM6";

(ii) Mit-tieni żwieġ ma twieldux tfal.

(iii) Mit-tielet żwieġ twieldu s-segwenti tfal, u ċjoe' Carmel Magri, skond ma jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-

twelid li jġib in-numru 1234/1947, anness u mmarkat "Dokument JM7" u kif ukoll Anthony Magri, skond ma jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1046/1949, anness u mmarkat "Dokument JM8";

c) Illi fl-Att tal-mewt ta' missier il-mandanti tal-esponenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 471/1988, hawn anness u mmarkat "Dokument JM9", fil-kolonna intestata *"isem u kunjom tal-mejjet"*, kunjom missier ir-rikorrenti huwa wkoll indikat bħal "Magri";

d) Illi mill-istħarriġ li għamel il-mandanti tal-esponenti sabiex jara l-estratti mir-reġistri tal-magħmudijiet, imwiet u żwiġijiet mill-Parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi, jirriżulta li anke fiċ-ċertifikat tal-magħmudija ta' missieru, missieru kien imniżżel bħala Joseph Magri, iben Joseph Magri u Carmela nee' Borg, estratt anness u mmarkat "Dokument JM10";

e) Illi fl-estratt mill-oriġinal tar-Reġistru tal-Magħmudija tal-mandanti tal-esponenti, anness u mmarkat "Dokument JM11", kunjom il-mandanti tal-esponenti huwa wkoll reġistrat bħala "Joseph Magri" u mhux "Magro";

f) Illi *a kull buon fini* l-esponenti qiegħed ukoll jippreżenta l-estratti taċ-ċertifikati ta' ħutu Carmelo u Anthony Magri, annessi u mmarkati "Dokument JM12"; u kif ukoll l-estratti ta' ħutu Maria u Paul Magri, annessi u mmarkati "Dokumenti JM14" u "Dokument JM15"; u kif ukoll estratt miċ-ċertifikat taż-żwieġ mill-parroċċa ta' San Ġorġ tal-istess missier il-mandanti tal-esponenti, annessi u mmarkati "Dokument JM16", "Dokument JM17", "Dokument JM18" fejn juru li l-kunjom indikat huwa fil-fatt "Magri";

Illi għaldaqstant jirriżulta illi meta saret ir-reġistrazzjoni tat-twelid tal-mandanti tal-esponenti, kien sar żball fir-reġistrazzjoni ta' kunjom missier il-mandanti tal-esponenti fl-att tat-twelid tal-mandanti tal-esponenti, u dan għaliex il-kunjom ta' missier il-mandanti tal-esponenti kellu jkun "Magri" meta fil-fatt ir-reġistrazzjoni saret bil-kunjom "Magro";

Illi sa mit-twelid, il-mandanti tal-esponenti dejjem kien magħruf u konsistentement imsejjaħ bil-kunjom "Magri" u għalhekk tali inkonsistenza qed tikkawżalu diffikultajiet prattiċi;

Illi l-mandanti tal-esponenti għandu interess skond il-liġi, *ai termini* tal-artikolu 253 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li ssir id-debita korrezzjoni b'dan illi r-reġistrazzjoni tal-kunjom ta' missier il-mandanti tal-esponenti fl-att tat-twelid tiegħu tiġi korretta u ssir taqra "Magri" sabiex konsegwentement anke kunjom l-istess mandanti tal-esponenti jsir "Magri";

Illi għaldaqstant kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-mandanti tal-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, *ai termini* tal-artikolu 253 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jogħġobha tordna korrezzjoni tal-Att tat-Twelid bin-numru ta' reġistrazzjoni 7633 tas-sena 1935, liema att jirreferi għat-twelid tal-mandanti tal-esponenti fis-sens li fil-kolonna intestata *"tagħrif dwar missier it-tarbija"*, il-kunjom ta' missier ir-rikorrenti indikat bħala "Magro" jiġi korrett għal "Magri".

Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi minn issa hawn inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis-6 ta' Marzu, 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għal-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrenti minn "Magro" għal "Magri", salv pero' li

huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 7633/1935 u dan għas-segwenti raġunijiet:

Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi att ta' twelid u ċjoe' s-sena 1935, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizżata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

Illi fl-att ta' twelid *de quo* kienet propriju Carmela mart Remigio Micallef, (liema ċertifikat huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok JM1) li kienet id-dikjaranta u tat l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tar-rikorrent.

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-22 ta' April 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi kif indikat fir-rikors qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni t'ismijiet tal-atti tal-istat

ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li fl-att tat-twelid indikat, sar żball billi minflok “Magri” tniżżel il-kunjom “Magro”. Fir-rigward tal-ispejjeż ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas tal-konvenut u allura l-atturi għandhom iħallsu dawn l-ispejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għaladqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talba attriċi fir-rigward tal-att imsemmi fir-rikors promotorju.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur nomine.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------